# Stqarrija

## BirdLife Malta tingħata l-Premju għall-Kustodja Ambjentali għall-proġett ta' restawr fis-Salina wetland

BirdLife Malta ngħatat il-Premju għall-Kustodja Ambjentali għall-Għaqdiet Volontarji waqt l-ERA Awards 2025, li saru lbieraħ fil-Palazz Verdala taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta.

Il-premju, ippreżentat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), jirrikonoxxi l-kontribut sinifikanti u li jħalli mpatt ta' għaqdiet volontarji għall-protezzjoni u t-tisħiħ tal-ambjent Malti.

Il-premju jirrikonoxxi s-suċċess tal-proġett ta' restawr tas-Salina Wetland, li rrestawra waħda mill-aktar żoni importanti ta' bwar salmastru f'Malta f'ekosistema rikka. Il-proġett inkluda t-tneħħija ta' materjal ta' kostruzzjoni mormi illegalment, il-ħolqien ta' kanali u għadajjar ta' ilma salmastru, it-tħawwil ta' veġetazzjoni indiġena u titjib fl-aċċess pubbliku permezz ta' faċilitajiet favur in-natura. Dan sar possibbli grazzi għall-appoġġ u l-finanzjament tal-Donors Initiative for Freshwater Ecosystems (DIMFE) b'investiment ta' €300,000.

Fil-kumment tagħha, l-ERA faħħret lill-BirdLife Malta għall-mod xjentifiku għal kif sar ir-restawr tal-abitati u l-konservazzjoni tal-bijodiversità. L-awtorità faħħret ukoll il-mod kif il-proġett mexa mal-objettivi ta' siti Natura 2000, ta kontribut lejn il-miri ta' sostenibbiltà ambjentali, u saħħaħ l-involviment tal-komunità permezz ta' inizjattivi edukattivi, u attivitajiet miftuħa għall-pubbliku.

Meta rċieva l-premju, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana rringrazzja lil DIMFE għall-appoġġ finanzjarju tagħhom, kif ukoll lil ERA u Ambjent Malta għall-għajnuna tagħhom waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Huwa esprima wkoll ir-rikonoxximent tiegħu lejn il-Kap tal-Amministrazzjoni tal-Art ta' BirdLife Malta Mark Gauci u l-Maniġer tar-Riżerva Naturali tas-Salina Manuel Mallia, li flimkien mat-tim tagħhom mexxew ir-restawr tas-sit.

Is-Sur Sultana rrikonoxxa wkoll ix-xogħol usa' ta' ERA fil-protezzjoni tal-ambjent naturali Malti, waqt li nnota li "dan jiffaċċja ħafna sfidi". Huwa qal li "ir-relazzjoni tagħna mal-ERA hija waħda matura. Aħna nikkritikaw meta hemm bżonn, iżda nikkollaboraw kontinwament u r-riżultati dejjem ikunu sodisfaċenti ħafna."

Għall-quddiem, huwa żied jgħid li "bħala stat membru tal-UE, issa Malta qed tiffaċċja sfidi ġodda taħt id-direttiva l-ġdida dwar ir-restawr tan-natura. Ir-riżervi naturali tagħna għandhom jespandu, u jinħolqu oħrajn ġodda. Iżda l-aktar importanti huwa li l-valuri li nħaddnu f'dawn ir-riżervi - fejn dejjem tingħata prijorità lin-natura - jinfirxu 'l barra minn dawn il-konfini għall-kultura usa Maltija u l-mod kif ngħixu darba għal dejjem."

Dan huwa t-tielet proġett ta' restawr ta' wetland, fl-istorja ta' BirdLife Malta. L-NGO irrestawrat ukoll ir-Riżerva Naturali tal-Għadira fil-Mellieħa - li kienet salini tal-melħ abbandunati u llum hija santwarju vibranti għall-għasafar - u r-Riżerva Naturali tas-Simar fix-Xemxija, fejn art imħarbta ta' għadajjar kienet irrestawrata f'ambjent rikk ta' qasab, għadajjar u ta' abitati għall-ħajja selvaġġa.

Il-benefiċċji ekoloġiċi tal-proġett tas-Salina Wetland diġà qed jidhru, bi pjanti indiġeni, ħut u għasafar li reġgħu bdew ibejtu fis-sit. BirdLife Malta hija kburija li rċeviet dan l-unur nazzjonali, li jikkonferma l-impenn tagħha li tipproteġi l-wirt naturali ta' Malta u tippromwovi l-ħarsien ambjentali għall-benefiċċju kemm tan-natura kif ukoll tan-nies.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli: Salina Nature Reserve: A Maltese wetland brought back to life | BirdLife Malta**

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Il-Kap tal-Amministrazzjoni tal-Art ta’ BirdLife Malta Mark Gauci, il-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Sultana u l-Maniġer tar-Riserva Naturali tas-Salina, Manuel Mallia waqt l-ERA awards 2025
2. Salina Wetland.